

- fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha, inklużi dawk sostnati minn Alliance One quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Alliance One titlob: (i) l-annullament tas-sentenza appellata, fl-intier tagħha; u, barra minn hekk, (ii) l-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2005, fil-Każ COMP/C.38.281/B.2 — Tabakk mhux maħdum — Italja, sa fejn din tirrigwarda lil Standard Commercial Corp. ("SCC"), Dimon Inc. ("Dimon") u Alliance One; u għaldaqstant, (iii) it-tnaqqis tal-multi imposti fuq Transcatab S.p.a. ("Transcatab") u Dimon Italia S.r.l ("Dimon Italia"; li issa saret Mindo) sabiex il-multi ma jaqbżux l-10 % tad-dħul mill-bejgħ tagħhom tal-aħħar sena fiskali; jew alternattivament (iv) it-tnaqqis tal-multa imposta fuq Transcatab u Dimon Italia (li issa saret Mindo) peress li l-fattur ta' multiplikazzjoni ma japplikax; (v) fi kwalunkwe każ, li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż kollha, inklużi dawk sostnati minn Alliance One quddiem il-Qorti Ġenerali.

Alliance One issostni li s-sentenza kkontestata għandha tiġi annullata fuq il-bażi tal-aggravji seguenti:

- L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikoli 48 u 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. In-nuqqas ta' analiżi sħiħa u konkreta tal-evidenza rilevanti ppreżentata mill-appellantli sabiex tirribatti l-preżunzjoni ta' influwenza deċiżiva u, konsegwentement, in-nuqqas tagħha li tissostanza b'mod adegwawt ir-raġunament tagħha għaċ-ċaħda ta' dik l-evidenza wasslet sabiex il-preżunzjoni ta' eżerċizzju ta' kontroll tkun kolloks barra konfutabbi, u dan ammonta għal ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza, legaltà u responsabbiltà individwali.
- It-tieni nett, billi ċaħdet l-evidenza offruta minn Alliance One, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-prinċipi ġenerali dwar l-oneru tal-prova u tar-regoli proċedurali tal-evidenza u, fi kwalunkwe każ, kisret id-dritt ta' difiża tal-appellantli.

Appell ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2011 minn Evropaiki Dynamiki — Proġġmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fid-9 ta' Settembru 2011 fil-Kawża T-232/06, Evropaiki Dynamiki — Proġġmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-597/11 P)

(2012/C 25/79)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Evropaiki Dynamiki — Proġġmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermitzakis, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellantli

L-appellantli titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.
- teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha u tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni (DG għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali) li tirrifxja l-offerta tal-appellantli, ippreżentata b'risposta għas-sejħa għal offerti TAXUD/2005/AO-001 għall-ispecifi-kazzjoni, l-iż-żvilupp, il-manutenzjoni u l-appoġġ tas-sistemi tal-informatika doganali relatati ma' ċerti proġetti tal-informatika tad-did-TAXUD ("CUST-DEV" (ĠU 2005/S 187-183846) u li tagħti l-istess kuntratt lil offerent ieħor, ikkomunikata lill-appellantli permezz ta' ittra tad-19 ta' Ġunju 2006 u tagħti d-danni mitluba
- sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu tal-kawża.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż legali tal-appellantli, inklużi spejjeż oħra magħmulu inkonnessjoni mal-proċedura fl-ewwel istanza.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellantli ssostni li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata għal dawn ir-raqunijiet li ġejjin:

L-ewwel nett, l-appellantli ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta addottar interpretazzjoni żbaljata, minn naħa, tal-Artikolu 89(1) u l-Artikolu 98(1) tar-Regolament Finanzjarju, u tal-Artikolu 140(1) u (2) u l-Artikolu 141(2) tar-Regoli Implementativi, u min-naħa l-oħra, tal-prinċipi ta' trattament ugħwali, ta' nondiskriminazzjoni, ta' trasparenza u ta' oħpettazzjoni ħielsa.

It-tieni nett, l-appellantli ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi interpretat b'mod żbaljat u ħolqot distorsjoni tal-provi prodotti.

Barra minn hekk, l-appellantli ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat b'mod żbaljat l-emenda tal-krriteri tal-ġha kif ukoll billi ma eżaminatx l-eżistenza ta' diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fil-kunsiderazzjoni tal-offerta u billi pprovdiet motivazzjoni insuffiċjenți fis-sentenza appellata.